

Brussell, 3 ta' Novembru 2016
(OR. en)

13647/16

SPORT 73
EDUC 344
EMPL 436
JEUN 88
SOC 640

NOTA

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13287/16 SPORT 62 EDUC 324 EMPL 418 JEUN 75 SOC 631 |
| Suġġett: | L-impatt tal-isport fuq l-iżvilupp personali - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> (Dibattitu ta' orjentazzjoni b'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza]) |

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni mehmuż, li qed jiġi ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-21-22 ta' Novembru 2016.

L-Impatt tal-Isport fuq l-Iżvilupp Personali

Dokument ta' Diskussjoni tal-Prezidenza

Ir-rebħ mhuwiex l-uniku riga disponibbli biex jitkejjel is-suċċess fl-isport, madankollu l-użu ta' rigi oħrajn mhuwiex daqshekk ovvju fis-soċjetà tal-lum. F'dan ir-rigward, il-Prezidenza Slovakka tixtieq tiddiskuti l-impatt tal-isport fuq l-iżvilupp personali u tiffoka fuq il-firxa ta' beneficiċċji u eżiti li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fl-isport.

L-Istati Membri trattaw suġġetti simili matul il-Prezidenza Latvjana, Litwana u dik Irlandiża meta approvaw il-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trasversali, speċjalment fost iż-żgħażaġh*, il-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-karrieri doppji għall-atleti* u l-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-inklużjoni soċjali*. L-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani jinsab fuq quddiem fl-aġenda politika tal-UE fil-qasam tal-isport sa mill-ewwel Pjanijiet ta' Ħidma għall-Isport li matulhom il-Grupp Espert dwar l-Isport u l-Edukazzjoni u t-Taħriġ ittratta b'għarfien espert f'dan il-qasam. It-tieni Pjan ta' Ħidma għall-Isport għall-2014 - 2017 ikopri din il-kwistjoni wkoll u l-Grupp Espert dwar l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani jinsab fil-proċess li jiffinalizza r-rapport tiegħu. Id-dokument ta' diskussjoni huwa sommarju tar-riċerka u d-diskussjonijiet li saru matul il-Prezidenza Slovakka dwar din il-kwistjoni, kif ukoll bħala segwitu għal diskussjonijiet preċedenti dwar użu aħjar tal-potenzjal tal-isport fis-soċjetà moderna.

Il-Presidenza diġà żviluppat diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni matul il-konferenza ta' Bratislava dwar l-*Edukazzjoni permezz tal-Isport* u l-laqgħa Informali tad-Diretturi tal-Isport. Il-mistednin¹ fil-panel ta' diskussjoni tal-konferenza fi Bratislava indirizzaw is-suġġett tal-impatt tal-isport fuq l-iżvilupp personali minn ħames perspettivi differenti (akkademiku, atletiku, tal-impjeggi, tas-saħħa u politiku) filwaqt li rrispondew mistoqsijiet dwar il-valuri, il-ħiliet, l-impjegabbiltà, is-saħħa, il-benefiċċji, l-edukazzjoni u l-karrieri doppji ta' atleti. Huma qablu li hemm taħlita kumplessa ta' benefiċċji fiżiċi, tas-saħħa, soċjali u psikoloġiċi li l-isport jista' jkollu fuq l-iżvilupp personali.

Il-letteratura tirrikonoxxi li l-ħames "C"s segwenti huma importanti għall-iżvilupp personali - competence, confidence, connections, character and caring (Mulholland, 2008) - (kompetenza, kunfidenza, konnessjonijiet, karattru u ħarsien) - billi studji lonġitudinali jissuġġerixxu li l-parteeipanti fl-isport għandhom suċċess akkademiku, kunfidenza personali, konnessjonijiet, relazzjonijiet bejn il-pari, ħbieb b'orjentament akkademiku, irbit familjari, evitar ta' imġiba soċjali riskjuża, involviment f'ħidma volontarja, inizjattiva, integrazzjoni soċjali, kontroll personali, persistenza u responsabbiltà, reżiljenza, perċezzjoni personali u aċċettazzjoni tal-ġisem proprju, kompetenza u stima fihom infushom akbar u/jew aktar.

Flimkien ma' valuri importanti għall-iżvilupp personali, bħall-kondizzjonijiet ekwivalenti, ir-rispett għad-diversità, il-ħbiberija, it-tolleranza u l-fehim reċiproku, l-involviment fl-isport huwa assoċjat ukoll ma' benefiċċji importanti, bħal awtostima, involviment u s-suċċess akkademiku, ħidma f'tim, u ħiliet soċjali akbar.

Persuni sportivi b'mod ġenerali jkunu kapaċi jadattaw, soċjevoli u komunikattivi. Dan japplika għal atleti kif ukoll kowċis, uffiċjali, manigera, fiżjoterapisti, eċċ. Ħafna drabi jkunu b'saħħithom mentalment, kostruttivi, prammatiċi, u jkunu mdrorrija jissuperaw l-ostakli u jiffaċċjaw il-problemi. Dawn il-karatteristiċi flimkien mal-fatt li l-persuni sportivi huma ħafna drabi persuni ħawtiela jistgħu jkunu wkoll elementi sinifikanti għas-suq tax-xoġhol.

¹ Ian Culpan, Direttur taċ-Ċentru għall-Istudji Olimpiċi fi New Zealand, Martina Moravcová, rebbieħa ta' midalja olimpika fl-ġhawm għas-Slovakkja, Giovanni Di Cola, speċjalista tal-ILO, Richard Raši, eks ministru għas-saħħa tas-Slovakkja, Ivar Sisniega, eks ministru għall-isport tal-Messiku

Ir-rebħ hu importanti fl-isport iżda barra minn hekk, huwa wkoll mezz biex wieħed jissupera standard individwali ta' eċċellenza u jipprovdi sodisfazzjoni personali billi joħroġ lill-individwu miż-żona ta' rassigurazzjoni tiegħu. B'kont meħud ta' dan, il-parteciġazzjoni fl-isport ħafna drabi tmur id f'id mal-benefiċċji tas-saħħa.

L-isport mhuwiex biss għal dawk li għandhom talent. Huwa jista' jagħti benefiċċji lil kull persuna involuta bħall-awtostima, id-dixxiplina, il-paċenzja u l-kuntentizza li wieħed isib fl-impenn u l-interazzjonijiet soċjali. Ħafna drabi dawk il-benefiċċji huma apprezzati ħafna fin-negozju u l-politika. L-Istati Membri tal-UE, kif ukoll pajjiżi terzi, ħafna drabi jinvolvu persuni sportivi mhux biss biex isaħħu l-immaġni ta' pajjiżhom, iżda jinvolvuhom ukoll fil-politika nnifisha².

Il-Presidenza temmen li rridu nkunu kawti dwar dak li jingħad fir-rigward tal-valuri edukattivi u soċjali tal-isport, minħabba li l-isport ma jibnix il-karattru b'mod awtomatiku. Il-kowċis, l-għalliema u l-ġenituri għandhom rwol kritiku f'dan il-qasam. L-eżiti pożittivi jridu jiġu mgħallma u għalhekk il-programmi edukattivi speċjalizzati ffukati kemm fuq l-iżvilupp personali kif ukoll dak professjonali huma meħtieġa biex jiġu żviluppanti aħjar il-ħiliet trasversali, speċjalment fost l-atleti żgħażaġh. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, taħriġ fil-maniġment/tmexxija/komunikazzjoni, aspetti ta' protokoll, ħiliet ta' preżentazzjoni, kif ukoll firxa wiesgħa ta' taħriġ speċjalizzat, bħal attenzjoni partikolari kif għandu jsir kuntatt u kif tiġi indirizzata l-media, l-isponsors, u s-sħab fin-negozju, eċċ³.

Sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-impatt tal-isport fuq l-iżvilupp personali, il-Presidenza tixtieq tiffoka fuq dibattitu ta' orjentazzjoni waqt il-Kunsill dwar eżiti psikoloġiċi u soċjali, inkluż il-benefiċċji emozzjonali tal-parteciġazzjoni sportiva.

² Eżempju tajjeb kif dan l-involvement u kif l-isport jista' jintuża biex jgħin liż-żgħażaġh madwar id-dinja jiżviluppaw ħiliet importanti lil hinn mill-kamp sportiv inkluż it-tmexxija, il-fehim reċiproku u l-kisbiet akkademiċi, huwa SportUnited, fejn id-diplomazija bl-isport tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti taħdem b'kooperazzjoni mal-Kumitat Olimpiku tal-Istati Uniti, federazzjonijiet sportivi tal-Istati Uniti, u kampjonati professjonali.

³ Bħala eżempji nistgħu nsemmu l-programm tal-IOC dwar il-maniġment fl-isport (MEMOS) jew il-Master Eżekuttiv fil-Governanza tal-Isport Ewropew (MESGO) li hu appoġġat mill-UEFA.

Il-Presidenza għentiment titlob lid-delegazzjonijiet biex jikkondividu l-esperjenzi tagħhom dwar l-impatt tal-isport fuq l-iżvilupp personali u jwieġbu dawn il-mistoqsijiet:

- 1. Tistgħu tikkondividu l-aħjar prattiki dwar programmi edukattivi rigward l-iżvilupp personali u dak professjonali tal-persuni sportivi (bħal atleti, kowċis u mexxejja) f'pajjiżkom?**
 - 2. Kif jista' jintuża l-isport biex jiġu żviluppati aħjar il-ħiliet soċjali rilevanti għall-parteċipazzjoni f'soċjetà demokratika?**
-

Dokumenti ta' referenza

Blackshaw, T., & Long, J. (2005). What's the big idea? A critical exploration of the concept of social capital and its incorporation into leisure policy discourse. *Leisure Studies*, 24: 239-58.

Bourdieu, P. (2000). *Pascalian Mediations*. Stanford, CA. Standford University Press.

Coalter, F., & Allison, M., & Taylor, J. (2000). *The role of sport in regenerating deprived areas*. Edinburgh: SECRU

Culpan, I. & McBain, S. (2012). Constructivist pedagogies for Olympism education. In *Asia-Pacific Journal of Health, Sport and Physical Education*, 3(2012)2: 95-108.

Holt, N. (2009). *Can sport help develop life skills*. Retrieved www.wise-Qatar.org.

Houlihan, B. (1994.)Homogenization, Americanization, and creolization of sport. Variety of globalization. *Sociology of Sport Journal* 11: 356-375.

Maguire, J. (1999). *Global Sport*. Cambridge: Polity Press.

Martinkova, I. (2012). Teaching values in movement activities: Inherent and added values. *ACTA Universitatis Carolinae Kinathropologica*, 48(2). 111-119.

Mulholland, E. (2008). *Truesport Report: What sport can do*. Retrieved www.truesport.ca/truesportreport.

Shehu, J., & Moruisi, M. (2010). Influence of sport on personal development and social investment among Botswana Olympic athletes. *International Review for the Sociology of Sport*, 46(3), 282-298.